# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 2 TA' MARZU 2001**

Avviz Nru 1698/98DM

Joseph Borg

vs

Christopher Sammut

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghal-kundannah tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' disa mija u tmienja u sebghin lira u erba u tmenin centezmu (Lm978.84), (Dok A u B), rapprezentanti spejjes u danni sofferti fil-vettura tal-attur, bin-numru BBE 458, liema danni gew kawzati b' risultat tal-kollizzjoni li kellhu mall-imsemmija vettura, li dakinhar ta' l-incident in kwistjoni, kienet misjuqa mit-tifel tal-attur, Anthony Borg, liema incident sehh fil-06 ta' Marzu 1998, f' Marsaskala, meta kien qed isuq il-vettura BAU 412, stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali tal-13 ta Lulju 1998, ta' Lm10 ghall-konsult u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-avviz kontra l-avviz kontra l-assigurazzjoni tieghu kontra l-konenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Sammut fejn eccepixxa:

1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx tort tal-eccipjenti, izda unikament tort ta' Anthony Borg, is-sewwieq awtorizzat mill-attur, u dan minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess Anthony Borg
2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-verbal tal-5 t'Ottubru 2000 fejn il-konvenut assistit mid-difensur tieghu jiddikjara illi mhux qed jikkontesta il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-partijiet jaqblu li Anthony Borg, is-sewwieq tal-vettura tal-attur, kien qed isuq fit-triq principali waqt li l-konvenut hareg minn triq laterali fuq ix-xellug tal-karreggjata ta' Borg u l-kollizzjoni grat meta l-konvenut qed jittraversa il-karreggjata ta' Borg biex jidhol fil-karreggjata l-ohra biex jipprocedi fid-direzzjoni opposta.

Evidentement il-manuvra li ried jghamel il-konvenut kienet tirrikjedi attenzjoni serja u kien obbligat  li ma jinvadix it-triq principali qabel ma jkun accerta ruhhu li t-triq principali kienet vojta u li ma kienx ser jostakola it-traffiku li setgha kien qed juzu iz-zewg karreggjati tat-triq principali.

Ghalkemm il-konvenut jiddikjara li ha il-prekawzjonijiet kollha minnhu mistennija, billi fil-fatt kien involut fil-kollizzjoni, jirrizulta li ma kienx uza l-grad ta attenzjoni dovut minnu.  Infatti kemm mid-direzzjoni li fiha kien gej Borg (kif jirrizulta mill-brake marks) kif ukoll mill-hsara fil-vettura tal-konvenut (ezatt fin-nofs tal-lemin bejn il-biebien) jirrizulta li fixkel lill Borg kif appena hareg ghal got-triq principali u li kien ghadhu qed jittraversa l-karreggjata ta' Borg meta intlaqat.

Inoltre jirrizulta ukoll illi, stante l-partijiet danneggjati tal-vetturi, il-karrozza tal-konvenut kienet ghada angolata fil-konfront tal-vettura ta' Borg meta grat il-habta.  Dan jindika li l-habta grat meta l-konvenut kien ghadhu ma hax il-posizzjoni tieghu fil-karreggjat l-ohra u li kien ghadhu kemm ittraversa il-karreggjata ta' Borg.

Dan kollhu jindika manuvra negligenti tal-konvenut li ma zammx 'a proper look out' meta ghazel li jidhol fit-triq principali.

Il-brake marks li halliet il-vettura tal-attur ma humiex indikattivi la ta xi velocita' eccessiva ghal dawk l-inhawi u lanqas ta xi sewqan fuq in-naha hazina tat-triq  Fi kwalunkwe kaz dawn l-allegazzjonijiet ma kienux ikunu nfluwenti fuq il-kawza tal-kollizzjoni li kienet esklussivament dovuta ghal nuqqas ta attenzjoni u diligenza tal-konvenut li, meta ried jittraversa arterja principali, nonostante vizwali komda u ghat-tul, hareg fit-triq principali u ostakola il-karreggjati meta kien qed javvicina Anthony Borg .

Ghaldaqstant tilqa t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur  is-somma ta' disa mija u tmienja u sebghin lira u erba u tmenin centezmu (Lm978.84), (Dok A u B), rapprezentanti spejjes u danni sofferti fil-vetura tal-attur, bin-numru BBE 458, liema danni gew kawzati b' risultat tal-kollizzjoni li kellhu mall-imsemmija vettura, li dakinhar ta' l-incident in kwistjoni, kienet misjuqa mit-tifel tal-attur, Anthony Borg, liema incident sehh fil-06 ta' Marzu 1998, f' Marsaskala, meta il-konvenut kien qed isuq il-vettura BAU 412, stante li l-konenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali b'effett mid-9 ta Settembru 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

…..............................................

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22